MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2012

Numru. 873/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR TONY CACHIA**
**VS**
**MARIELLA CALLEJA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Mariella Calleja ta’ 22 sena, bint Emanuel Calleja u Mary Calleja nee’ Borg, mwielda Pieta’ nhar it- 8 ta’ Ottubru 1989, residenti Casa Casolani, Triq Sant’ Andrija, Msida u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 467489M;

Talli ;

1) nhar it- 30 ta’ Ottubru 2010 ghal habta tat-15.30hrs fi Triq il- Vitorja, Qormi, minghajr il- hsieb li toqtol jew li tqieghed il- hajja ta’ Maria Debono f’ periklu car, imma bil- hsieb li tikkommetti ferita ta’ natura gravi fuq il-

persuna ta’ Maria Debono u billi wriet dan il- hsieb b’ atti esterni u tagħt bidu ghall- esekuzzjoni ta’ dan id- delitt meta saqet il- vettura taghha tal- ghamla Toyota Vitz b’ numru ta’ registrazzjoni MLR 358 ghal fuq Maria Debono;

2) aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkagunat griehi ta’ natura hafifa fuq il- persuna ta’ Maria Debono skont kif iccertifika Dr. Paul Mangion numru tal-Karta tal- Identita bin- numru 464181M mic- centru tas-Sahha tal- Furjana;

3) talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, saqet l-imsemmija vettura b’ manjiera traskurata, perikoluza u bla kont;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

**Ikkonsidrat:**

Illi mil-provi prodotti, irrisultat ippruvata t-tieni imputazzjoni biss fil-konmfront tal-imputata. Dan il-kaz jittratta argument li qam bejn zewg tfajliet fuq il-guvni ta’ wahda minnhom. Dan l-argument eskala u z-zewg tfajliet, l-imputata u l-parti leza, gew fl-idejn, bil-konsegwenza li t-tnejn sofrew griehi. L-imputata giet akkuzata wkoll li saqet il-vettura taghha b’mod traskurat, perikoluz, u bla kont, u li bl-istess vettura ppruvat tikkawza griehi gravi lill-parti leza billi ssuq ghal fuqha, izda provi sufficjenti ta’ dan ma gewx prodotti. Li gie ppruvat hu li z-zewg tfajliet gew fl-idejn u kkawzaw griehi hfief lil xulxin, u ta’ din li-imputazzjoni biss qed tinstab hatja l-imputata.

Kwantu ghall-piena, tenut kont li l-incident ma kienx ta’ portata u zgur ma kienx jimmerita process ta’ kumpilazzjoni, il-Qorti sejra taghti provvediment ai termini tal-Kap 446.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 41, 1(a), 221 tal- Kap 9 u l- Artikolu 15, 1(A) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputata hatja tal- ewwel (1) u t-tielet (3) akkuza u ghaldaqstant tilliberaha minnhom.
Issiba hatja tat- tieni (2) akkuza u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------